**Stqarrija għall-Aħbarijiet** | 24 ta' Jannar, 2017

# L-MCA tistieden lill-pubbliku jivvota għall-iktar kampanja tal-midja soċjali preferita;

# Tħabbru l-finalisti tal-MCA *eBusiness Awards* fil-kategorija ta'

# 'L-Aqwa Kampanja fuq il-Midja Soċjali'

Din is-sena l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni se tiftaħ il-kategorija ta' 'L-Aqwa Kampanja fuq il-Midja Soċjali' fi ħdan l-*eBusiness Awards* tal-2016 għall-votazzjoni tal-pubbliku għall-ewwel darba. Din hija kategorija li se tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-pubbliku u sservi wkoll biex tqis l-impatt li qed iħallu dawn il-kampanji.Għalhekk, se jkun il-pubbliku stess li jiddetermina r-rebbieħ b'50 fil-mija tal-voti.

Il-Kumitat tal-għażla diġà qabel fuq il-kampanja preferita tiegħu fost l-erba' sottomissjonijiet. L-erba' finalisti ta'din il-kategorija huma: -

- New York Best - żviluppata minn Anchovy
- GO @ L-Istrina - żviluppata minn BPC
- Kinnie (Simonds Farsons Cisk Ltd) - żviluppata minn BPC
- ICON – l-użu tas-Midja Soċjali mill-Konsumaturi f'Malta 2016

Il-pubbliku huwa mħeġġeġ sabiex jipparteċipa u jesprimi l-preferenza tiegħu sa mhux iktar tard min-nofsinhar tas-6 ta' Frar 2017. Il-votazzjoni hija miftuħa għall-kulħadd u tista' ssir onlajn billi wieħed iżur il-websajt tal-'MCA *eBusiness Awards'* fuq http://ebusinessawards.mca.org.mt/social-media-public-voting.
Min jipparteċipa jidħol ukoll fiċ-ċans li jirbaħ 2 biljetti għas-serata finali li se ssir f'April li ġej. Ir-rebbieħ ta' dawn il-biljetti se jintgħażel każwalment mill-indirizzi tal-imejl kollha sottomessi.

L-MCA tixtieq pubblikament tirringrazzja lil Melita u lill-GO għall-appoġġ tagħhom f'din l-edizzjoni tal-Awards.

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: pr@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840